**Kunsill Reġjun Punent**
Ċentru Kristu Ragħaj, It-3 Sular, Is-Seminarju tal-Arċisqof, Triq tal-Virtu, Rabat, Malta
E | Reġjun-punent.dlg@gov.mt T | 22266602

**L-Ewwel Leġislatura Reġjun Punent**

**Minuti** Numru **58**

Laqgħa tar-Reġjun Punent

Il-Kunsill Reġjonali Punent iltaqa' nhar il-Ħamis 26 ta' Frar, 2026 fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz **Ċentru Kristu Ragħaj, 3rd Floor, The Archbishop's Seminary, Rabat** fil-17:00 ta' filgħaxija.

---

**PREŻENTI FIL-BINI AMMINISTRATTIV:**

| | |
|---|---|
| President: | Is-Sur Sandro Azzopardi |
| Ħaż-Żebbuġ: | Is-Sindku s-Sur Steve Zammit Lupi |
| Is-Siġġiewi: | Is-Sindku is-Sur Julian Borg |
| Ħad-Dingli: | Is-Sindku is-Sur Raymond Schembri |
| Ħal Kirkop: | Is-Sindku s-Sur Matthew Agius Zmmit |
| L-Imqabba | Is-Sindku s-Sa Grace Marie Zerafa |
| Il-Qrendi: | Il-Viċi President is-Sur David Michael Schembri |
| Ħal Safi | Is-Sindku is-Sur Johan Mula |
| Iż-Żurrieq: | Is-Sindku s-Sa Rita Grima |

**PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

| | |
|---|---|
| L-Imdina: | Sindku s-Sur Peter Sant Manduca |
| Rabat: | Is-Sindku s-Sur Alexander Craus |

Il-laqgħa ġiet ippreseduta mill-President Sandro Azzopardi u nfetħet fil-17:30 ta' filgħaxija.

**58.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

58.01.01 Ir-Reġjun Punent irċieva ittri t'apoloġija Skont Ordni Permanenti 14A (3) mingħand is-Sindku tal-Imdina is-Sur Peter Sant Manduca u is-Sindku tar-Rabat is-Sur Alexander Craus

**58.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 56;**

Il-President ressaq għall-approvazzjoni l-Minuti tal-Laqgħa numru 57 li saret nhar it-22 ta' Jannar 2026.

Sekondant: is-Sindku ta' Ħal Kirkop is-Sur Matthew Agius Zammit

Il-Kunsill qabel unanimament

**58.03 Punti mqajjma mill-Minuti**

58.03.01 Nhar it-12.02.26 il-President u l-Maniġer tal-Ambjent attendew għat-tnedija tad-dokument mil-AKL dwar "Open Spaces"

58.03.02 Nhar il-29.01.26 preżentajna l-logħba Buzz Bee lill-Iskola Primarja ta' Ħal Kirkop

58.03.03 Nhar id-09.02.26 saret l-ewwel intervista interna u nhar is-26.02.26 saret t-tieni ntervista esterna għal Maniġer tal-Kultura.

**58.04 Kommunikazzjoni mill-President**

58.04.01 Nhar is-27.01.26 irċivejna mill-Virtual Malta is-siti proposti fil-lokalitajiet tar-Reġjun Punent għal dan il-proġett.

58.04.02 Nhar it-28.01.26 irċivejna mis-Sa Borg MFIN Cir 12/2021: Publication Obligations July 2025 - December 2025 - SPD 5 - urgent - modifications/awards from SPD tenders. Ir-Reġjun Punent ma kellu l-ebda modifika.

58.04.03 Nhar it-28.01.26 irċivejna Cir AKL 2026/010_Bridges of Trust: Għal dan il-proġett saret laqgħa onlajn nhar id-19.02.26.

58.04.04 Nhar it-28.01.26 irċivejna stqarrija mill-Ministeru għal Għawdex u l-ippjanar dwar it-tnedija tal-iskema Irrestawra Darek u l-Villaġġ 2026 li għaliha attenda l-President.

58.04.05 Nhar it-28.01.26 irċivejna mid-DG Vassallo mid-DLG stedina mill-Kunsill Nazzjonali tat-Taħriġ għal sessjoni ta' informazzjoni u diskussjoni li ser issir nhar il-31.01.26 dwar l-irwol tas-Sindku qabel u waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali.

58.04.06 Nhar id-29.01.26 il-Maniġer tal-IT informa lis-Segretarji Eżekuttivi bid-direttivi mibgħuta mid-DLG fuq l-proċess tar-reklutaġġ għall-postijiet vakanti u talba għal riżorsi tal-IT u aċċessi għas-sistema.

58.04.07 Nhar id-29.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lis-Sindki dwar inizjattiva li se joħolqu għaż-żgħażagħ Aġenzija Żgħażagħ bl-isem Youth Information Ambassaddors – Listen Up.

58.04.08 Nhar id-29.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej dwar l-iskema Irrestawra Darek u l-Villaġġ maħruġa mil-Awtorita tal-Ippjanar. L-iskema hija mfassla biex tappoġġja l-konservazzjoni ta’ bini ta’ valur arkitettoniku u storiku filwaqt li ttejjeb il-kwalità tal-ambjent urban u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

58.04.09 Nhar id-29.01.26 is-Segretarju Eżekuttiv bagħtet lis-Sa Micallef il-kuntratt tal-ACM tal-proġett Darba Waħda fil-Villaġġu talbitha biex tikkonferma li l-kuntratt jidħol fis-seħħ mill-inqas mill-jum li rċevejnieh, jiġifieri d-9 ta' Jannar u mhux mill-5 ta' Settembru peress li dan id-dewmien jista' jaffettwa l-iskadenzi u d-data tal-konklużjoni.

58.04.10 Nhar it-30.01.26 irċivejna minn Fondazzjoni Wirt Artna li infurmawna li inawguraw l-aħħar proġett – it-Torri ta’ San Tumas f’Marsascala. Infurmawna li s-sit jista’ jiġi jżuru kulħadd bi prezz speċjali tad-dħul ta’ €3 biss għal kull persuna, b’tour iggwidat privat għal gruppi akbar minn 10 persuni.

58.04.11 Nhar it -30.01.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej bagħtet id-dokumentazzjoni rikjesta rigward il-CleanUps lid-DLG.

58.04.12 Nhar it -30.01.26 ittellgħet l-aħħar attivita’ tal-proġett Arts for Social Change ġewwa id-Dar tal-Providenza.

58.04.13 Nhar it-02.02.26 saret laqgħa mas-Sindki, ES u Kunsilliera sabiex jiġi diskuss il-budget fuq il- kalendarju kulturali u sportiv għas-sena 2026.

58.04.14 Nhar it-02.02.26 irċivejna mill-ERA dokument li jindika talba għal pjan dettaljat - CPD Programme on Waste Prevention.

58.04.15 Nhar it-02.02.26 irċivejna Case 6/2026 - Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Sa Abdilla infurmatna dwar l-importanza u l-obbligu legali li l-Kunsill Lokali jinnomina Deputat Segretarju Eżekuttiv.

58.04.16 Nhar it-02.02.26 irċivejna kommunikat mid-DLG rigward il-Contract Agreement li jiġi ffirmat għal kull kuntratt li jsir bejn l-Awtorità Kontraenti u l-Kuntrattur.

58.04.17 Nhar it-02.02.26 id-DG Vassallo mid-DLG infurmana li l-Gvern Malti se jagħmel talba għal fondi addizzjonali minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-maltempata Harry. Il-Kunsill Lokali affettwati minn din il-maltempata, mitluba jimlew dokument bid-dettalji kollha mitluba.

58.04.18 Nhar it-02.02.26 irċivejna Cir AKL/Regjuni 001/2026_Peer Learning Programme for Covenant Coordinators and Supporters.

58.04.19 Nhar it-02.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/011 Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

58.04.20 Nhar it-02.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/012 Personal Accident Policy.

58.04.21 Nhar it-03.02.26 irċivejna li il-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika (MEEC) jixtieq jistieden lill-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw f’żewġ inizjattivi:

1. Kampanja Saving Our Blue - Bil-għan li tqajjem kuxjenza dwar l-iskart fil-baħar, tippromwovi prattiċi sostenibbli, u tipproteġi l-ambjent marittimu u kostali ta’ Malta.

i. Roadshow tar-Realtà Virtwali - Din l-esperjenza immersiva turi l-ambjent ta’ taħt l-ilma ta’ Malta u għandha l-għan li tqajjem kuxjenza dwar il-konservazzjoni tal-baħar.

ii. Kampanja għat-Tindif tal-Gżejjer - Din l-inizjattiva tagħti s-setgħa lill-komunitajiet u lill-Kunsilli biex imexxu tindif li jagħmel impatt ambjentali viżibbli u sinifikanti.

58.04.22 Nhar it-03.02.26 il-Maniġer tal-Proġetti talab għal kopja tat- termini u kundizzjonijiet tar-Reġjun Kulturali 2027.

58.04.23 Nhar it-03.02.26 kellna laqgħa mal-Periti tal-Public Works fuq il-binja tat-Torre Dello Standardo.

58.04.24 Nhar it-03.02.26 saret laqgħa man-Nurseries tal-futbol, Sindki, ES u kunsilliera responsabbli mill-Isport sabiex nfasslu programm għall-ewwel sitt xhur tas-sena.

58.04.25 Nhar l-04.02.26 il-President bagħat lis-Sur Bugeja sabiex ir-Reġjun jissieħeb bħala Associate Partner fl-applikazzjoni tal-Proġett Interreg Italia Malta bl-isem ITER-PAULUS mal- FPKAM (Fondazzjoni għal Patrimonju Kulturali tal-Arċidjoċesi ta' Malta). Il-KL Rabat huwa wkoll msieħeb ukoll f'din l-applikazzjoni li l-iskop tagħha huwa li jqajjem aktar t-Turiżmu reliġjuż.

58.04.26 Nhar il-05.02.26 irċivejna mis-Sa Orsini dwar talba ċċirkolata mid-Direttorat tal-Finanzi u l-Konformità għal informazzjoni dwar il-verżjoni tas-softwer Sage li qed tintuża bħalissa fil-Kunsilli Lokali u Reġjonali, flimkien mad-dettalji tal-fornitur tas-servizz rispettiv.

58.04.27 Nhar il-05.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat lill-NGOs li Transport Malta ħarġet skema ta' għajnuna finanzjarja biex tgħin lill-għaqdiet volontarji li sofrew xi ħsarat matul il-maltempata Harry li pajjiżna esperjenza matul Jannar 2026.

58.04.28 Nhar is-06.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/013_Risk Assessments għall-Avvenimenti Pubbliċi fejn l-AKL fakkret fl-importanza li dan għandu jimtela sew u li qegħda f'diskussjonijiet mal-OHSA sabiex żżomm sezzjonijiet t'informazzjoni u taħriġ dwar dan is-suġġett, kif ukoll dwar oqsma oħra ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol li huma relevanti għall-Kunsilli Lokali.

58.04.29 Nhar is-06.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li r-Reġjun interessat jissieħeb fil-proġett Erasmus+ Youth Exchange KA 152 bis-suġġett Our Environment in our Hands.

58.04.30 Nhar is-06.02-26 irċivejna stedina mingħand MEYR sabiex nipparteċipaw fi djalogu nazzjonali nhar it-13.02.26 bejn diversi partijiet interessati u transsettorjali li jlaqqa' flimkien rappreżentanti mis-setturi edukattivi, ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Dan id-djalogu għandu l-għan li jikkontribwixxi għall-avvanz tal-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Edukazzjoni taċ-Ċittadinanza Globali f'Malta permezz ta' skambju kritiku, kollaborazzjoni u kompetenza kondiviża.

58.04.31 Nhar is-06.02-26 irċivejna Cir AKL 2026/014_Prime Minister School – Inizjattiva ta' Tmexxija u Parteċipazzjoni Ċivika għat-tfajliet.

58.04.32 Nhar id-09.02.26 irċivejna l-ewwel edizzjoni tal-Urban Newsletter għall-2026, li tipprovdi aġġornamenti dwar opportunitajiet, sejħiet għal finanzjament, u avvenimenti li ġejjin taħt l-Inizjattiva Urbana Ewropea (EUI) u URBACT.

58.04.33 Nhar id-09.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/015_Invitation Webinar 25 February: ALDA+ Training Courses li ser isiru nhar il-25.02.26.

58.04.34 Nhar id-09.02.26 sar l-interview għas-sejħa tal-Cultural Manager fejn ir-Reġjun irċieva applikazzjoni waħda biss ta' JG li ma kisibx biżżejjed marki.

58.04.35 Nhar il-11.02.26 irċivejna stedina għal seminar bejn l-ERA u l-Kunsilli Lokali/Reġjonali li ser isir nhar il-25.02.26.

58.04.36 Nhar il-11.02.26 il-Maniġer tal-Iskart għamel laqgħa relatata mal-iskart u ndafa għas-Sindki, ES u Kunsilliera. Fil-laqgħa ġew diskussa statistika rigward il-ġbir tal-iskart għas-sena 2025, fondi disponnibli għas-sena 2026, mistoqsijiet rigward t-tender kurrenti tal-iskartu u konsiderazzjonijiet u prijoritajiet għat-tender li jmiss.

58.04.37 Nhar il-11.02.26 irċivejna mingħand il-Wasteserv li nhar 17.02.26 ser jieħdu sample tal-iskart riċiklabbli u janalizzaw biex jaraw il-kwalità tiegħu ta' kull Reġjun.

58.04.38 Nhar il-11.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti għadu kemm fetaħ l-iskema għall-Wirt Artistiku li hija skema mmirata għall-għaqdiet volontarji li jaħdmu u huma attivi fil-qasam tal-festi, b'mod speċjali f'wieħed jew aktar minn dawn l-oqsma msemmija hawn taħt:

- Mużika strumentali għall-festa
- Saħħa u sikurezza fil-kmamar tan-nar
- Armar artistiku semi-permanenti

58.04.39 Nhar il-11.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/016 Żjara ta' Studju f'Rimini bejn is-07 u l-10.04.26.

58.04.40 Nhar il-11.02.26 preżentajna l-logħba Buzz Bee lill-Iskola Primarja tar-Rabat.

58.04.41 Nhar il-11.02.26 ġejna avviċinati mis-Sa Spiteri tal-Aġenzija Żgħażagħ sabiex ngħinuhom jilħqu udjenza usa' ta' żgħażagħ kreattivi billi naqsmu sejħa għal Artivisti fuq il-paġni tal-midja soċjali.

58.04.42 Nhar it-12.02.26 il-Maniġer tal-Iskart talab għall-approvazzjoni u permess biex jiġu imposti multi fuq il-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart (CT2136/2022), skont l-SOP taħt S.L 601.03.

58.04.43 Nhar it-12.02.26 irċivejna mis-Sa Borg aġġornament dwar BM351 li jinkludi informazzjoni u l-links meħtieġa biex nirreġistraw sabiex inkunu nistgħu nissottomettu l-avvenimenti tagħna fuq kalendarjukulturali.gov.mt.

58.04.44 Nhar it-13.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li se tkun qed tiġi organizzata sezzjonijiet ta' taħriġ nhar l-24 u 26.02.26 mill-Malta Council for Voluntary Sector flimkien mal-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji dwar it-Tħejjija tal-Annual Returns.

58.04.45. Nhar it-13.02.26 ġejna mistiedna għall-Energy Poverty Advisory Hub National Webinar li sar nhar id-19.02.26.

58.04.46 Nhar is-16.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat dwar sezzjonijiet ta' taħriġ li l-Malta Council for Voluntary Sector (MCVS) se tkun qed torganizza fuq midja diġitali, mod speċjali fuq l-applikazzjoni Canva li permezz tagħha jistgħu jinħolqu vidjos, posters, logos, preżentazzjonijiet u posts għal fuq il-midja soċjali.

58.04.47 Nhar it-16.02.26 irċivejna mill-Malta Crafts li ser ikunu qed jiċċelebraw il-Jiem Ewropej tal-Artiġjanat (ECD) bejn is-07-12.04.26, ikkoordinati mill-Institut pour les Savoir-Faire Français fi Franza.

58.04.48 Nhar it-16.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Kunsill Malti għall-Arti ħareġ l-iskema ta' Appoġġ għat-Taħriġ u l-Iżvilupp u hija maqsuma f'żewġ fergħat:

L-ewwel fergħa tappoġġa l-iżvilupp professjonali kontinwu ta' artisti, operaturi

kulturali u studenti Maltin jew ibbażati f'Malta li jkunu attivi fis-setturi kulturali u kreattivi u li jixtiequ jieħdu taħriġ professjonali tul żmien qasir biex itejbu l-ħiliet tagħhom u javvanzaw fl-ispeċjalizzazzjoni tagħhom.

It-tieni fergħa tappoġġa l-iżvilupp u l-esponiment t' artisti żgħażagħ Maltin jew ibbażati f'Malta li jkunu attivi fis-setturi kulturali u kreattivi. Il-fond jappoġġa opportunitajiet ta' taħriġ tul żmien qasir li jtejbu, bla ma jissostitwixxu jew jissussidjaw, il-programm ta' taħriġ attwali tal-istudenti. Tappoġġa wkoll il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fi pjattaformi internazzjonali, fosthom iżda mhux biss, kompetizzjonijiet, esibizzjonijiet u/jew prestazzjonijiet.

58.04.49 Nhar it-16.02.26 il-Maniġer tal-Iskart bagħat Espressjoni t'Interess għal inizjattiva li qed jaħdem ir-Reġjun fuqa; "Waste to Worth: The Right to Repair Education Programme". Dan hu immirat lejn il-promozzjoni tal-kultura tat-tiswija, l-użu mill-ġdid tat-tessuti, u l-għarfien dwar l-iskart elettroniku fost iż-żgħażagħ ta' bejn it-13 u s-16-il sena fir-Reġjun tagħna.

58.04.50 Nhar it-16.02.26 irċivejna mingħand SCH sabiex nipparteċipaw fi stħarriġ strateġiku biex nappoġġjaw l-iżvilupp taċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-BCT. Sabiex jiġi identifikati ħtiġijiet teknoloġiċi fl-oqsma tat-Teknoloġiji tal-Kultura Blu (BCT) u l-Wirt Kulturali Taħt l-Ilma (UCH).

58.04.51 Nhar it-16.02.26 beda jaħdem fuq internship l-istudent JK sat-13.03.26. L-qasam tiegħu huwa fuq IT u Graphic design u se jkun qed jiffoka fuq attivitajiet relatati mal-Ġimgħa l-Kbira.

58.04.52 Nhar is-17.02.26 irċivejna minn Ewropa Kreattiva li se tkun qed torganizza Sessjoni ta' Q&A online ta' Culture Moves Europe nhar it-02.03.26 għal kull min hu interessat f'opportunitajiet ta' mobilità kulturali ffinanzjati bis-sħiħ fl-UE.

58.04.53 Nhar is-17.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/017_Invitation for a webinar li se jsir nhar is-27.02.2026 minn Xjenza Malta dwar Cities & Regions Network of EIT Culture & Creativity.

58.04.54 Nhar is-17.02.26 irċivejna Cir AKL 2026/018_Bus Shelters Seminar 26/03/2026. Se jkun qed jiġi organizzat seminar b'kollaborazzjoni ma' FACES sabiex tipprovdi ħarsa komprensiva lejn pjattaforma online ġdida mfassla biex tappoġġja lill-Kunsilli Lokali fil-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' applikazzjonijiet għall-installazzjoni, it-tneħħija jew ir-rilokazzjoni ta' bus shelters.

58.04.55 Nhar is-17.02.26 irċivejna sejħa għan-nominazzjonijiet tal-ERA dwar *Green Public Leadership Award for Public Entities*. Applikazzjonijiet jagħlqu nhar it-28.02.26.

58.04.56 Nhar is-17.02.26 irċivejna mill-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju rigward ROOTS – *Research on Outdoor Therapeutic Support, a pilot green social prescribing research initiative.* Imfassla biex tesplora kif attivitajiet, ibbażati fuq in-natura u kreattivita' jistgħu jappoġġjaw il-benesseri, il-konnessjoni soċjali, u l-kwalità tal-ħajja ta' nies li jgħixu bil-kanċer.

58.04.57 Nhar is-17.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li Il-Malta Council for Volumtary Sector (MCVS) għandha miftuħa l-iskema Training Initiative Support Scheme li tagħti l-opportunità lill-membri voluntiera biex jitħarrġu u jkomplu jtejbu l-ħiliet tagħhom.

58.04.58 Nhar is-17.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat li l-Fondazzjoni GAL Xlokk ħarġet notifika li l-miżuri se jingħalqu temporanjament nhar is-27.03.26 u jerġgħu jiftħu fl-1 ta' Ġunju 2026.

58.04.59 Nhar 17.02.26 saret laqgħa għall-ES tal-Kunsilli Lokali fejn ġie spjegat il-budget allokat mir-Regjun Punent għas-sena 2026.

58.04.60 Nhar l-17.02.26 il-Maniġer tal-Ambjent żamm laqgħa għas-Sindki, ES u Kunsilliera sabiex jiġu diskussi proposti kif ukoll nisimgħu direttament x'inhu kruċjali għall-Kunsilli Lokali biex ir-Reġjun jabbozza dokument b'numru ta' bye-laws li huma ta'użu u li jistgħu jgħinu lill-Kunsilli Lokali fix-xogħol tagħhom.

58.04.61 Nhar is-18.02.26 irċivejna mid-direttur Galea li s-sospensjoni ta' ġurnata tal-ġbir tal-iskart ordnata mill-Contracting Authority wara li kienu ordnati li jagħmlu dan mill-Gvern, ma jidhirx li tipprovdi bażi kuntrattwali jew legali biex jitnaqqas il-ħlas dovut lill-Kuntrattur.

58.04.62 Nhar id-19.02.26 irċivejna POC 18/2026 - Request for Endorsement and Permission to Issue Default Notices on Waste Collection - Western Region fejn ġew approvati l-multi mposti lill-kuntrattur.

58.04.63 Nhar l-20.02.26 irċivejna mingħand Green Pak il-Bi-Annual Report 2 for 2025

58.04.64 Nhar l-20.02.26 il-President u ES attendew għas-serata ta' Jum il-Qrendi.

58.04.65 Nhar il-21.02.26 irċivejna mingħand Wasteserv li l-Malta Waste Reduction Awards 2026 ser isiru nhar l-20.04.26.

58.04.66 Nhar il-21.02.26 sar il-Kors tal-Food Handling ġewwa ż-Żurrieq.

58.04.67 Nhar il-21.02.26 sar it-taħriġ tal-għannejja ġodda ġewwa ż-Żurrieq.

58.04.68 Nhar it-22.02.26 sar il-Kirkop Football tournament fejn ħadu sehem 5 timijiet. It-tfal kellhom l-opportunita' li jilgħabu logħba tradizzjonali Maltija, itajru t-tajra u jipprattikaw u jitgħallmu kif jagħmlu strumenti lokali.

58.04.69 Nhar it-23.02.26 ircivejna Cir AKL 2026-019 - ARLEM Award – *Young Local Entrepreneurship in the Mediterranean.* Applikazzjonijiet jagħlqu fil-15.05.26.

58.04.70 Nhar it-23.02.26 irċivjena mingħand is-Sa Silvio mid-DLG dwar ir-responsabbilitajiet tal-Kunsilli Lokali u Reġjonali fir-rigward tal-ipproċessar ta' Data Personali.

58.04.71 Nhar it-24.02.26 irċivejna mingħand l-ERA it-2025 Litter statistics.

58.04.72 Nhar it-24.02.26 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej infurmat dwar qafas nazzjonali biex l-arti u l-kultura jiġu integrati fin-nurseries tal-football.

58.04.73 Nhar il-25.02.26 irċivejna mingħand l-ERA li l-ammont massimu ta' fondi ikkawżata mill-maltempata Harry ser ikun ta Eur 50,000 kull Kunsill Lokali.

58.04.74 Nhar il-25.02.26 l-ES bagħtet lill-Kunsilli Lokali l-Fondi u l-Inizjattivi għas-sena 2026 li kienu approvati fil-laqgħa ta' Jannar.

58.04.75 Nhar il-25.02.26 irċivejna mingħand is-Sur Scerri informazzjoni dwar il-proċess tat-tieni edizzjoni tal-inizjattiva Minn Pjazza għal Pjazza. L-applikazzjonijiet jagħlqu nhar 28.03.36.

58.04.76 Nhar is-26.02.2026 il-Maniġer tal-Fondi Lokali u Ewropej ill Il-Malta Digital Innovation Authority (MDIA) ħarġet sejħa kompetittiva għall-applikazzjonijiet mingħand Kunsilli Lokali biex permezz tagħha jintgħażel u jitwettaq proġett pilota. Din is-sejħa GovTech4All hija ffinanzjata mill-Kummissjoni Ewropeja u l-iskop tagħha hu li permezz tal-Intelliġenza Artifiċjali (IA) jiġu mtejjba s-servizzi diġitali fi ħdan is-settur pubbliku.

**58.05 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet**

**58.06 Tqegħid ta' Dokumenti/ Rapporti**

**58.07 Skeda tal-Pagamenti Nu.46**

Il-President Sandro Azzopardi ressaq għall-approvazzjoni l-iskeda tal-Pagamenti Numru 46.

Proponent: Is-Sindku tal-Imqabba is Sa Grace Marie Zerafa
Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**58.08 Unaudited Finacial Statements**

Il-President informa li minħabba li xi invoices daħlu tard dan ir-rapport ser jiġi imressaq f'laqgħa urġenti nhar it-Tnejn 02.03.2026.

**58.09 Rapport Finanzjarju Q4 2025**

Il-President informa li minħabba li xi invoices daħlu tard dan ir-rapport ser jiġi imressaq f'laqgħa urġenti nhar it-Tnejn 02.03.2026.

**58.10 Approvazzjoni ta' Xiri**

58.10.01 Kwotazzjoni RFQ248/2025 – Request For Quotation for Sound and Light during Arts for Social Change Event

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku ta'Ħad Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament

58.10.02 Kwotazzjoni RFQ249/2025 – Request For Quotation for Catering during Arts fr Social Change Event

Il-President informa li ntbagħtu tliet (3) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku taż-Żurrieq is-Sa Rita Grima
Il-Kunsill qabel unanimament

58.10.03 Kwotazzjoni RFQ250/2025 – Request For Quotation for the Service of Compliance Audit

Il-President informa li ntbagħtu sitt (6) inviti għal kwotazzjoni li minnhom irċivejna tliet (3) offerti. Il-President ippropona sabiex tintgħażel l-irħas offerta.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

**58.11 Maniġer tal-Kultura**

Il-President informa bir-rapport tal-bord li għamel l-intervisti għal din is-sejha u proporna li jressaq għall-approvazzjoni l-kandidat KS skond kif rakkomandat mil-bord sabiex ikun il-Maniġer il-ġdid tal-Kultura.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa

**Il-Kunsill qabel unanimament**

**58.12 Materji Ohra**

**58.12.01 Safi Automated Ground Toilet**

Il-President informa li rċieva talba mingħand Sindku ta' Ħal Safi sabiex il-latrina tal-pitch 5-a-side li qed ikun irranġat, jibbenefika mil-iskema tal-Automated Toilets u dawn jsiru awtomatiċi. Il-President ippropona sabiex nilqgħu din it-talba minħabba li għad hemm fondi u nibgħatu lid-DLG dwar dan.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħad-Dingli is-Sur Raymond Schembri
Il-Kunsill qabel unanimament.

**58.12.02 Environmental Manager**

Il-President informa li rċieva talba mingħand l-Environmental manager sabiex jerġa jiġi lura fir-Reġjun fuq bażi full-time. Il-President ressaq din it-talba għall-approvazzjoni.

Sekondant: Is-Sindku ta' Ħal Safi is-Sur Johan Mula
Il-Kunsill qabel unanimament.

### 58.12.03 Taħriġ mid-DPO

Il-President ippropona li wara talba li rċivejna mill-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi jerġa jsir taħriġ mingħand id-DPO lill-ħaddiema klerikali tal-KL.

Sekondant: Is-Sindku tal-Imqabba is-Sa Grace Marie Zerafa
Il-Kunsill qabel unanimament

## 58.13 Tmiem il-laqgħa

Il-laqgħa ntemmet fis-19:15 u l-President informa li l-laqgħa għas-seduta li jmiss ser tinżamm nhar **it-Tnejn 29 ta' Frar, 2026 fis-18.00.**

| | |
|---|---|
| Sandro Azzopardi<br>President Reġjun Punent | Tania Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

Ikkonfermati llum